



4.10.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (COM(2022)0231 – C9-0183/2022 – 2022/0164(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Peter Jahr

(*) Kumitat assoċjat - Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetariji u l-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitati responsabbli, biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ jenħtieġ li jiġi emendat ukoll biex jippermetti l-possibbiltà li jiġi pprovdut sa 12,5 % tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Tali metodu ta' implimentazzjoni huwa ġġustifikat mill-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn dawn l-istrumenti fir-rigward tal-obiettivi tat-tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti sintetiċi, jew iż-żieda fil-produzzjoni ta' bijometan sostenibbli jew enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-obiettivi tal-Politika Agrikola Komuni stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza taċċellera l-iżborż ta' fondi lill-benefiċjarji mis-settur agrikolu li huwa vitali meta titqies l-urġenza tal-obiettivi relatati mal-enerġija.

imħassar

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiġfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Talba għal finanzjament iddedikat għall-miżuri tar-REPowerEU, inklużi allokazzjoni mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, **trasferimenti mill-fondi rregolati mir-Regolament (UE) 2021/1060 u allokati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ippreżentata fi pjan**, jenħtieġ li tkun iġġustifikata minn hteieġa finanzjarja akbar marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU.

Emenda

(20) Talba għal finanzjament iddedikat għall-miżuri tar-REPowerEU, inkluża allokazzjoni mir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, jenħtieġ li tkun iġġustifikata minn hteieġa finanzjarja akbar marbuta ma' riformi u investimenti addizzjonali inklużi fil-kapitolu REPowerEU.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 Regolament (UE) 2021/241 Artikolu 21b – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, b'talba tagħhom, jiġu ttrasferiti jew allokati għall-Faċilità soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060 **u l-Artikolu 81a tar-Regolament (UE) 2021/2115**. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

(1) Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, b'talba tagħhom, jiġu ttrasferiti jew allokati għall-Faċilità soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26a tar-Regolament (UE) 2021/1060. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 Regolament (UE) 2021/241 Artikolu 21b – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Ir-riżorsi allokatati skont l-Artikolu 81a tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom jappoġġaw il-miżuri fl-Artikolu 21c(1)(b) ta' dan ir-Regolament għall-investimenti fil-farms għall-benefiċċju tal-bdiewa jew tal-gruppi ta' bdiewa, b'mod partikolari biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti inorganiċi, għaż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-bijometan sostenibbli, u għat-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika.

imħassar

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Artikolu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u emenda tar-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814
Referenzi	COM(2022)0231 – C9-0183/2022 – 2022/0164(COD)
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG ECON 6.6.2022 6.6.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 6.6.2022
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.9.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Peter Jahr 14.6.2022
Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.9.2022
Eżami fil-kumitat	31.8.2022
Data tal-adozzjoni	3.10.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Eugenia Rodríguez Palop, Bronis Ropè, Bert-Jan Ruissen, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Marc Tarabella, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Peter Jahr, Tom Vandenkendelaere

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

44	+
ECR	Mazaly Aguilar, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Mara Bizzotto, Angelo Ciocca, Ivan David, Gilles Lebreton
NI	Dino Giarrusso
PPE	Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Tom Vandenkendelaere, Juan Ignacio Zoido Álvarez
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Ulrike Müller
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Maria Noichl, Juozas Olekas, Marc Tarabella
THE LEFT	Chris MacManus, Eugenia Rodríguez Palop
VERTS/ALE	Benoît Biteau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropé, Sarah Wiener

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni